# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 29

It-Tlieta, 23 ta'Diċembru, 2025

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta' Kerċem, fid-9.30am.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Frankie Attard – Kunsillier

SKUŻATI:

Abigail Micallef – Viċi Sindku
Jonathan Mercieca – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 29.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Il-Viċi Sindku Abigail Micallef u l-Kunsillier Jonathan Mercieca talbu li jiġu skużati għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' xogħol. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 29.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċedenti u dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 29.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

29.3.1 Is-Sindku tkellem dwar l-iskema tal-palm li ħareġ il-Ministeru għall-Agrikultura, Biedja u Sajd u qal li l-iskema kienet ser toffri biss siġar tal-palm Phoenix. Għalhekk ma applikajniex għalihom peress li ma ridnihomx hekk.

29.3.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill illi l-offerta għat-teleskopji li huma parti mill-proġett ta' Minn Pjazza għal Pjazza ser tkun qed toħroġ direttament mir-Reġjun t'Għawdex.

29.3.3 Is-Sindku qal illi r-Reġjun t'Għawdex ħareġ espressjoni ta' interess għall-Kunsilli Lokali sabiex ikollhom użu minn mini-sweepers li ser jipprovdi l-Ministeru għal Għawdex u Ippjanar. Il-Kunsill tagħna wera l-interess tiegħu fil-pożittiv.

29.3.4 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi l-iskema SCI/SPI/07/2025 – Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalita' ġiet approvata mid-DLG u ngħatajna Eur83,000. B'dawn il-fondi se nkunu qed nixtru trakk, bobcat żgħir, sweeper u vacuum.

29.3.5 Kif kien ġie approvat minn TM, għadha kemm ġiet miżbugħha l-un/loading bay fejn iċ-Ċentru Ċiviku.

29.3.6 Minn naħa tar-Reġjun t'Għawdex ser ikunu qed jerġgħu iqassmu l-ikla tal-Milied lill-anzjani u l-Kunsill Lokali se jkun qed jipparteċipa f'din l-inizjattiva.
Il-Kunsill Lokali għamel talba mad-DLG u l-MGP għal ħaddiem sabiex ikun jista' jsuq il-vann tal-Kunsill u jagħmel xi xogħolijiet oħra li jinqalgħu.

29.3.7 Dwar l-MoU tal-LESA, rah l-Avukat tal-Kunsill, emendajnih u minn naħa tagħhom aċċettawh u issa baqa' biss li jiġi ffirmat. Il-LESA ser tkun qed tidħol f'dan l-uffiċċju mill-1 ta' Jannar 2026.

29.3.8 Is-Sindku fakkar illi f'Marzu 2026 ser ikun hawn delegazzjoni minn diversi pajjiżi

ġewwa Ta' Kerċem bħala parti mill-programm RENEW. Għalhekk bdejna nitolbu l-kwotazzjonijiet għall-akkomodazzjoni, trasport, ikel, konferenzi, gwida, eċċ. Għal dan il-proġett għandna bejn Eur15,000 u Eur17,000 li ser ikunu ffinanzjati mill-Unjoni Ewropeja.

29.3.9 Wara li fil-festa ta' Santa Luċija, għalkemm saru l-permessi u t-tabelli kollha neċessarji sabiex ma jgħaddux trakkijiet kbar minn Santa Luċija, u xorta baqgħu għaddejjin, is-Sindku ssuġġerixxa illi ssir laqgħa mal-Kumitat ta' Santa Luċija, TM, LESA u Pulizija sabiex ikunu jafu x'inhu jiġri. Dan sabiex sena oħra ma jerġax jiġri l-istess u nkunu f'pożizzjoni aħjar li nwaqqfu t-trakkijiet milli jgħaddu minn Santa Luċija.

29.3.10 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill Lokali illi reġgħu fetħu l-applikazzjonijiet għal Gozo Tourism Awards 2025. Il-Kunsill mhux ser japplika.

## 29.4 Approvazzjoni tal-bord ta' evalwazzjoni fuq offerti

Il-Kunsill Lokali approva illi l-bord ta' evalwazzjoni għall-offerti li ġejjin ser ikun magħmul minn dawn il-persuni: Chairperson - Ms Michelle Vella, Evalwaturi – Dr Joshua Grech, l-Accountant Daniel Galea, Ing. Mario Cauchi, Segretarja tal-Bord – Ms Marianne Sagona.

L-offerti aġġudikati minn dan il-bord ser ikunu dawn:

a. Second-hand truck;
b. Second-hand skid steer loader;
c. Provision of electric pedestrian sweeper;
d. Provision of electric vacuum cleaner for waste collection;
e. Embellishment of playing field;
f. Works in alleys.

## 29.5 Performance bonus għas-sena 2025 tal-istaff tal-Kunsill Lokali

Wara diskussjoni qasira, il-performance bonus tal-istaff ġie mogħti kif ġej:
Marianne Sagona – 10%
Oliver Farrugia – 5%
Marita Borg – 6%.

## 29.6 Ħarġa għall-anzjani – Jannar 2026

Il-Kunsill iddeċieda illi jagħmel ħarġa oħra għall-anzjani li ser tkun nhar is-26 ta' Jannar 2026. Dakinhar ser jiġu tal-Victim Support Agency sabiex ikellmuhom.

## 29.7 Ilmenti u Suġġerimenti

29.7.1 Il-Kunsillier Frankie Attard talab li titranġa bankina fi Triq Bir Rix. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

29.7.2 Il-Kunsillier Horace Vella ġibed l-attenzjoni li hemm nofs Triq Għajn Tuta bla dawl. Din ser tiġi rrapportata mal-Enemalta.

29.7.3 Is-Sindku ssuġġerixxa illi nagħmlu bandiera ta' Santa Luċija ukoll sabiex tkun parti mis-sett ta' standardi li għandna fil-kamra tal-laqgħat. Il-Kunsill qabel ma' dan.

## 29.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 29.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fl-10.10am u ġiet aġġornata għad-19 ta' Jannar 2026, fis-2pm.

IFFIRMATA

Mario Azzopardi
Sindku

IFFIRMATA

Marianne Sagona
Segretarju Eżekuttiv